# BHALL-WERAQ.....

*Ta'* Guże' Chetcuti

Rajthom jitriegħdu l-weraq
maż-żiffa ta' fl-għaxija?
Iva, rajthom jitbandlu
f'żifna t'għors u tgawdija.

Rajthom neżlin il-weraq
minn ħdan ommhom
[maqtugħa?
Iva, rajthom jitgerbu,
bla lewn, ma' l-art mitfugħa.

Bħalhom kienet tħaddar
il-ħajja ta' tfuliti,
u bħalhom għext fil-hena
l-ħolma ta' żgħużiti.

F'-lum, għalkemm fix-xefaq.
ix-xemx għadha titlajja,
u ftit tad-dija tixgħel
fid-dlam ta' din il-ħajja,

Inħoss it-toqol jagħfas,
l-imrar qiegħed jiżdied,
flok daħk insib il-biki,
flok il-ftehim il-glied.

Rajthom maż-żiffa nieżla
il-weraq tal-ħarifa?
Hekk din il-Ħajja għaddejja,
Dell ta' ħolma ħafifa.

23. 8. 53.